MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 931/2003

**Rite Décor Ltd.**

**Vs**

**Cusimano Silver Industry Ltd (C 27412) u b'digriet tat-18 ta' Novembru, 2003 gew nominati l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u l-P.L. Liliana Buhagiar biex jirrapprezentaw lis-socjeta' konvenuta.**

## Il-Qorti.

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici **RITE DÉCOR LTD** hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta, **CUSIMANO SILVER INDUSTRY LTD** fl-ammont ta' tmin telef tlett mija u ghoxrin liri maltin (Lm8,320) rapprezentanti materjal u xoghol ta' kostruzzjoni fuq talba tas-socjeta' konvenuta;

Premess illi s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ammont dovut diversi drabi u minkejja dan baqghet inadempjenti.

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tmint elef tlett mija u ghoxrin liri maltin (Lm8,320) inkluz imghax legali mid-data li gie terminat ix-xoghol;

Bl-ispejjez inkluz dak tal-Mandat ta' Qbid (1507/03) datat 3 ta' Settembru, 2003 u bl-imghax relat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat id-digriet a fol 13;

Rat in-nota a fol 22;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi Avukat Dottor Tonio Azzopardi u l-P.L. Liliana Buhagiar a fol. 24 tal-process fejn eccepixxu:

1. Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar 2004;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici xehed li kienu ghamlu xoghol ta' kostruzzjoni fil-fabbrika li kien jiehu hsieb il-konvenut il-Marsa skond id-dok a fol 6. Ix-xoghol sar f'Jannar 2001 izda huma baqghu ma thallsux. Cusimano kien tah cheque ghal Lm5,000 pero ma ssaraffx. Mill-ammont mitlub fic-citazzjoni ma thallasx xejn.

Il-konvenuti ma kkontestawx dana l-ammont.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talba attrici
Bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni
u bl-ispejjez kontra l-konvenuti,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------